**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 20**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

StudentBounty.com

| **IT-TIELET SENA** | **STORJA (ĠENERALI)** | **ĦIN: Siegħa u no** |
|---|---|---|

**Isem:** ___________________________________ **Klassi:** ______________

1. **Ikteb VERU jew FALZ fil-kolonna l-vojta.**



***Sors A. Il-Port il-Kbir fi żmien il-Kavallieri.***

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 | Il-Kavallieri bdew jibnu l-Belt Valletta wara l-Assedju l-Kbir. | |
| 1.2 | Il-pjanta tal-Belt Valletta saret minn Mattia Preti. | |
| 1.3 | Is-*Sacra Infermeria* kien sptar għall-Kavallieri biss. | |
| 1.4 | Il-kwadru tal-*Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann* jinsab fil-Palazz. | |
| 1.5 | L-akwidott kien sar biex iwassal l-ilma fil-Belt Valletta. | |
| 1.6 | Forti Manoel inbniet biex tħares il-Port ta' Marsamxett. | |
| 1.7 | Fi żmien il-Kavallieri l-popolazzjoni tal-Imdina naqset ħafna. | |
| 1.8 | L-Inkwiżitur kellu l-Qorti tiegħu fil-Birgu. | |
| 1.9 | Il-Ġiżwiti fetħu kulleġġ għat-tagħlim fil-Belt Valletta. | |
| 1.10 | Il-Kavallieri tkeċċew minn Malta mill-Ingliżi. | |

**(Total 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi billi tagħżel il-kelmiet minn dawn. ĦAMS... mhux tajbin.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *s-swar* | *Sant'Jiermu* | *regolamenti* | *Ġlormu Cassar* | *San Ġwan...* |
| *il-Kbir* | *kummerċjali* | *Mandraġġ* | *Francesco Laparelli* | *San Pawl* |
| *il-bereġ* | *Xiberras* | *Bontadini* | *Mattew Callus* | *iż-Żgħir* |

Il-Belt Valletta nbniet fuq l-Għolja _______________ bejn il-Port __________ u l-Port ta' Marsamxett. Fil-ponta tal-Belt reġgħet inbniet Forti ____________ li kienet iġġarfet fl-Assedju l-Kbir. Il-Papa bagħat lill-perit ____________________________ biex jagħmel il-pjanta tal-belt il-ġdida. Biex jgħinu hu kellu l-perit Malti ______________________. L-ewwel bini li tela' kienu _______________ u l-bini riżervat għall-Kavallieri, bħall-Palazz tal-Granmastri, _____________ u l-Knisja Konventwali ta' ___________________. Il-Kavallieri għamlu ____________________ dwar kif kellu jsir il-bini fil-Belt Valletta. Sal-1600 il-Belt Valletta kienet saret iċ-ċentru ammistrattiv u _________________ tal-Gżejjer.

**(Total 10 marki)**

**3. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwar il-wirt tal-Kavallieri fil-Gżejjer Maltin.**



*Sors B. Il-Berġa ta' Kastilja*



*Sors Ċ. It-Teatru Manoel*



*Sors D. Is-Sacra Infermeria*



*Sors E. Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3.1 Semmi **żewġ** binjiet fil-Belt Valletta, barra dawn li jidhru fl-istampi, li huma wirt il-Ka

(a) ______________________ (b) ______________________ (

3.2 (a) X'użu kellu l-bini ta' sors B fi żmien il-Kavallieri?

______________________________________________ (1)

(b) X'użu għandu llum il-bini ta' sors B? ______________________ (1)

3.3 (a) Il-bini li jidher f'sors Ċ nbena fis-seklu (*16, 17, 18, 19).* Aqta' sinjal taħt it-tajba. (1)

(b) X'użu għandu dan il-post illum?

______________________________________________ (1)

3.4 (a) X'użu kellu l-bini ta' sors D fi żmien il-Kavallieri? ______________________ (1)

(b) Kif inhu magħruf illum dan l-istess bini? ______________________ (1)

(ċ) Għal xiex qed jintuża dan il-bini llum?

______________________________________________ (1)

3.5 Sors E hu pittura ta' żmien il-Kavallieri.

(a) Għalhekk huwa sors **primarju** jew **sekondarju**? Agħmel sing taħt it-tajba. (1)

(b) F'dan il-bini hemm ħafna teżori tal-arti ta' żmien il-Kavallieri. Semmi tnejn minnhom.

______________________ ______________________ (2)

3.6 X'użu għandu llum għall-ekonomija tal-pajjiż il-wirt li ħallew il-Kavallieri?

______________________________________________ (2)

**(Total 14-il marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar bliet u rħula qodma fil-Gżejjer Maltin.**



*Sors F Triq f'raħal antik Malti*



*Sors Ġ Niċċa*



*Sors G Il-Kappella ta' Ħal Millieri*

4.1 Liema **erba'** affarijiet minn dawn issib fil-qalba tar-raħal antik Malti? Aqta' sinjal taħthom.

*(a) lukanda* *(b) qasam tad-djar* *(ċ) zuntier* *(d) knisja parrokkjali*
*(e) supermarket* *(f) niċċa* *(ġ) fabbriki* *(g) każin tal-banda* (4)

4.2 Liema **erbgħa** minn dawn l-irħula kienu diġà rħula-parroċċi fi żmien il-Kavallieri?

*(a) Mosta* *(b) Żurrieq* *(ċ) Marsa* *(d) Buġibba* *(e) Msida* *(f) Ħal Luqa* *(ġ) Rabat* (4)

4.3 X'vantaġġ kellhom it-toroq u l-isqaqien imserpa fl-irħula u l-ibliet antiki tal-Gżejjer Maltin?

_______________________________________________ (2)

4.4 Xi ħjiel jagħtuna fuq il-ħajja tal-Maltin l-għadd kbir ta' niċeċ u kappelli fl-irħula u l-ibliet antiki?

_______________________________________________ (2)

**(Total 12-il marka)**

**5. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar it-tmexxija ta' Malta mill-Kavallieri.**



*Sors GĦ*



*Sors H*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5.1 (a) Sors GĦ juri (*l-arkati, l-akwidott, il-mini*) li wassal l-ilma mill-inħawi ta' (*l-I*... *Mosta, l-Imġarr*) għall-Belt Valletta.

(b) Sors H juri l-bieb (*tal-Birgu, tal-Belt Valletta, tal-Imdina*) li sar mill-arkitett Mondion ... stil (*klassiku, modern, barokk*).

5.2 Wieġeb billi tagħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba:

(a) Il-mexxej tal-Kavallieri f'Malta kien (*il-Gvernatur, il-Granmastru, il-Viċirè*). (1)

(b) Liġi fi żmien il-Kavallieri kienet tissejjaħ (*bandu, dokument, manuskritt*). (1)

(ċ) Il-flotta tal-Ordni kienet magħmula minn **tnejn** minn dawn il-bċejjeċ tal-baħar: *kajjik, katamaran, vaxxell, jott, skuna, galera.* Aqta'sinjal taħt it-tajbin. (2)

(d) Normalment, il-Granmastru kien joqgħod fil-Palazz (*Verdala, ta' San Anton, tal-Belt Valletta*). (1)

5.2 Aqta'sing taħt tliet ġrajjiet importanti li seħħew fi żmien il-Granmastru Manoel Pinto:

(a) twaqqfet l-Università ta' Studji minflok il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti
(b) il-Konfoffa tal-Ilsira
(ċ) l-Irvell tal-Qassisin
(d) ir-restawr tal-Imdina
(e) il-bini ta' faċċata ġdida għall-Berġa ta' Kastilja
(f) il-bini tat-Teatru Manoel (3)

**(Total 12-il marka)**

**6. Ħares lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwar ir-Rivoluzzjoni Franċiża u l-ħakma tal-Franċiżi f'Malta.**

6.1 Ħares sewwa lejn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.



*Sors Ħ*
*Napuljun Bonaparti*



*Sors I*
*Lwiġi XVI*



*Sors J*
*Robespierre*

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

(a) Min kien imexxi Franza qabel ir-Rivoluzzjoni? ______________________

(b) Min kien sar dittatur matul ir-Rivoluzzjoni? ______________________

(ċ) Min kien għamel lilu nnifsu Imperatur Franċiż? ______________________________ (3)

6.2 X'tip ta' gvern kellha Franza qabel ir-Rivoluzzjoni tal-1789? Agħmel sing taħt it-tajba.

*(a) repubblika* *(b) demokrazija* *(ċ) monarkija* *(d) imperu* (1)

6.3 Liema sezzjoni (parti) tal-poplu Franċiż kien:

(a) favur ir-Rivoluzzjoni? ______________________________________________ (1)

(b) kontra r-Rivoluzzjoni? ______________________________________________ (1)

6.4 Liema minn dawn kienu **kawża** jew **effett** tar-Rivoluzzjoni Franċiża? Ikteb **Kawża** jew **Effett** fil-kolonna l-vojta. Ftakar li **kawża** ssir **QABEL** il-ġrajja u **effett** hi xi ħaġa li tkun saret **WARA** l-ġrajja.

| | **Ġrajja** | **Kawża jew Effett** |
|---|---|---|
| (a) | It-tneħħija tas-sistema fewdali fi Franza | |
| (b) | Id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem | |
| (ċ) | Il-poter assolut tar-re | |
| (d) | Il-qtil tar-re Lwiġi XVI | |
| (e) | It-taxxi ibsin u inġusti fuq il-bdiewa Franċiżi | |

(5)

6.5 L-ideat u l-bidliet tar-Rivoluzzjoni nfirxu f'pajjiżi oħra fl-Ewropa. Liema minn dawn jafu l-bidu tagħhom fi żmien din ir-Rivoluzzjoni? Ikteb **VERU** jew **FALZ** fil-kolonna l-vojta.

| | | |
|---|---|---|
| (a) | In-nobbli tilfu l-artijiet tagħhom fl-Ewropa kollha. | |
| (b) | Kulħadd sar indaqs quddiem il-liġi. | |
| (ċ) | Il-fqar kisbu d-dritt tal-vot. | |
| (d) | Ħafna pajjiżi Ewropej neħħew il-monarkija biex saru repubblika. | |
| (e) | It-taxxi bdew jinġabru b'mod iżjed ġust. | |

(5)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6.6 Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb numri minn 2 sa 7. L-ewwel wa
mogħtija bħala eżempju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Ġeneral Vaubois | | kelma oħra flok 'assedju' |
| 2 | Ferdinand von Hompesch | | tibdil fil-liġijiet tal-pajjiż |
| 3 | Alexander Ball | | Ġeneral Franċiż li keċċa l-Kavallieri minn Malta |
| 4 | Dun Mikiel Xerri | | l-aħħar Granmastru tal-Kavallieri f'Malta |
| 5 | Napuljun Bonaparti | **1** | Gvernatur Franċiż ta' Malta |
| 6 | riformi | | Kaptan Ingliż li għen lill-Maltin kontra l-Franċiżi |
| 7 | imblokk | | patrijott Malti li nqatel mill-Franċiżi |

(6 marki)

**(Total 22 marka)**

**7. Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi u ikteb fit-tul dwarha.**

7.1 (a) Il-Kavallieri kif kienu jħarsu l-Gżejjer Maltin kontra t-Torok?
(b) X'tip ta' fortifikazzjonijiet, fortizzi u torrijiet bnew?
(ċ) Kif gawdew il-Maltin bil-bini ta' dawn il-fortifikazzjonijiet?
(d) X'qed jagħmel il-Gvern biex dawn il-fortifikazzjonijiet ikunu mħarsa sew? (5 x 4 = 20)

7.2 Ikteb dwar l-għixien tal-Maltin taħt il-ħakma tal-Kavallieri billi tagħżel **erbgħa** minn dawn:
(a) il-qoton (b) is-sibi (ċ) l-industrija tal-bini (d) it-tagħlim (e) is-saħħa (f) l-Inkwiżizzjoni.
(5 x 4 = 20)

7.3 (a) Iddeskrivi l-ġrajjiet ewlenin tal-waqgħa tal-Gżejjer Maltin f'idejn il-Franċiżi f'Ġunju 1798.
(b) Għaliex il-ħakma tal-Franċiżi fuq il-Maltin damet biss sentejn? (10 x 2 = 20)

7.4 Ikteb paragrafu qasir fuq **erbgħa** minn dawn il-persunaġġi fl-istorja ta' Malta taħt il-Kavallieri:
(a) Ġlormu Cassar
(b) Dun Gaetan Mannarino
(ċ) Manoel Pinto
(d) Dun Mikiel Xerri
(e) Alof de Wignacourt
(f) Ferdinand von Hompesch (5 x 4 = 20)

**(Total 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers